

# DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠĠ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW TAS-7 TA' FRAR 2024

## EMENDAR U SSUPPLEMENTAR TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA INTERNI TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW

Il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-UPPE")<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mfassla mill-Kap Prosekutur Ewropew;

### Billi:

1. Kważi tliet snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet u fid-dawl tal-istruttura unika tiegħu, ġiet adottata organigramma ġdida tal-UPPE, li tistabbilixxi *inter alia* Segretarjat tal-Kulleġġ.
2. Wara l-adozzjoni tal-organigramma tal-UPPE, huwa meħtieġ li wieħed jipproċedi bl-aġġustamenti fir-Regoli ta' Proċedura Interni, b'mod partikolari fir-rigward tas-Segretarjat tal-Kulleġġ li għadu kif ġie stabbilit.
3. Huwa meħtieġ li fir-Regoli ta' Proċedura Interni tiġi rregolata l-possibbiltà li jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma u gruppi konsultattivi għall-Kulleġġ/Kap Prosekutur Ewropew.
4. Il-proċedura dettaljata għall-ħatra tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u t-tiġdid tal-mandat ta' 5 snin tagħhom għandha tiġi prevista fid-Deċiżjoni tal-Kulleġġ dwar il-Kundizzjonijiet tal-impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej.

Adotta d-deċiżjoni li ġejja:

---

<sup>1</sup> ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1–71.

## Artikolu 1

### *Emendi*

Id-Deċiżjoni 003/2020 tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew dwar ir-Regoli ta' Proċedura Interni tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, kif emendata u ssupplimentata bid-Deċiżjonijiet 085/2021 u 026/2022 tal-Kulleġġ tal-UPPE, hija emendata u ssupplimentata kif ġej:

- I. L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

### “Artikolu 13: Is-Segretarjat tal-Kulleġġ

1. Il-Kulleġġ għandu jkun assistit minn Segretarjat tal-Kulleġġ fit-tnejn tal-laqqgħat tal-Kulleġġ, li jaħdem f'konsultazzjoni mal-Kap Prosekutur Ewropew.
2. Is-Segretarjat tal-Kulleġġ għandu, fost responsabbiltajiet oħra, jattendi l-laqqgħat tal-Kulleġġ, jirreġistra u jżomm il-minuti tal-laqqgħat tal-Kulleġġ, jikkompila sommarji tal-eżiti tal-laqqgħat, u jżomm rekords komprensivi tal-attivitajiet tal-Kulleġġ.
3. Il-Kap tas-Segretarjat tal-Kulleġġ, li jservi bħala Segretarju għall-Kulleġġ, għandu jinħatar mill-Kulleġġ.”

- II. Wara l-Artikolu 14, jiżdied Artikolu ġdid, 14bis, bil-kontenut li ġej:

### Artikolu 14bis: Gruppi ta' ħidma

1. Il-Kulleġġ u l-Kap Prosekutur Ewropew jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma u bordijiet konsultattivi biex jipprovdu lill-Kulleġġ, jew, rispettivament, lill-Kap Prosekutur Ewropew, b'pariri u għarfien espert.
2. Il-mandat, il-kompożizzjoni u l-funzjonament Prattiku tal-formazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddeterminati fid-deċiżjoni rispettiva tal-Kulleġġ jew tal-Kap Prosekutur Ewropew, li tistabbilixxi kull grupp ta' ħidma jew grupp konsultattiv.”

- III. Fl-Artikolu 24, it-tielet paragrafu huwa emendat kif ġej:

“Jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda oġġezzjoni minn membru permanenti tal-Awla Permanenti jew mill-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni, sa skadenza ddeterminata mill-President li ma tkunx iqsar minn tlett ijiem, id-deċiżjoni għandha titqies li ġiet adottata.”



IV. L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

Artikolu 33: *Ħatra ta' Prosekuturi Delegati Ewropej u tiġdid tal-mandat tagħhom ta' 5 snin*

Il-Kulleġġ għandu jiddeċiedi dwar il-*ħatra tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u dwar it-tiġdid tal-mandat ta' 5 snin tagħhom abbażi ta' proposta mill-Kap Prosekutur Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-UPPE u r-regoli previsti fid-Deċiżjoni tal-Kulleġġ dwar il-Kundizzjonijiet tal-impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej*"

## Artikolu 2

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu fis-7 ta' Frar 2024.

**F'isem il-Kulleġġ,**

**Laura Codruța KÖVESI**

**Kap Prosekutur Ewropew**